MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 345/2012

**Portomaso Leasing Co Ltd [C-33110]**

**vs**

**(1) Fredrik Schell [Passaport Svediz bin-numru 65665013]**
**(2) Eva Pia Kistner [Passaport Svediz bin-numru 09646264]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-7 ta' Mejju, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' disa mija tnejn u ghoxrin euro u erbgha u erbghin centezmi ta' euro [€922.44] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Hlas fl-ammont komplessiv ta' disa mija u tnejn u ghoxrin euro u erbgha u erbghin cent (€922.44) kif jidher mill-anness prospett immarkat bhala Dokument A, kwantu ghas-somma ta' mitejn u tletin euro u wiehed u sittin cent

(€230.61) rapprezentanti kera ghall-perjodu bejn l-1 ta' April 2010 u t-30 ta' Settembru 2010 dovuta ghar-rigward tal-kiri tas-store bin-numru S1001 li jinsab fil-car park fil-livell minus four (-4) sottostanti blokk numru ghaxra (10) fil-kumpless ta' Portomaso San Giljan skond kif jirrizulta mill-annessa fattura mmarkata bhala Dokument B; kwantu ghas-somma ta' mitejn u tletin euro u wiehed u sittin cent (€230.61) rapprezentanti kera dovuta ghar-rigward tal-kiri tal-precitat store ghall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2010 u l-31 ta' Marzu 2011 u dana skond kif jirrizulta mill-annessa fattura mmarkata bhala Dokument C; kwantu ghas-somma ta' mitejn u tletin euro u wiehed u sittin cent (€230.61) rapprezentanti kera dovuta ghar-rigward tal-kiri tal-precitat store ghall-perjodu bejn l-1 ta' April, 2011 u t-30 ta' Settembru 2011 u dana skond kif jirrizulta mill-annessa fattura mmarkata bhala Dokument D; u kwantu ghas-somma ta' mitejn u tletin euro u wiehed u sittin cent (€230.61) rapprezentanti kera dovuta ghar-rigward tal-kiri tal-precitat store ghall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2011 u l-31 ta' Marzu 2012 u dana skond kif jirrizulta mill-annessa fattura mmarkata bhala Dokument E.

Is-socjeta attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-sommom precitati indikati fil-fuq imsemmija fatturi (Dokumenti "B", "C", "D" u "E") mid-dati tar-rispettivi fatturi sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-kawza odjerna, kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingjunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimati gew debitament notifikati bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestawx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-13 ta' Novembru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-13 ta' Novembru, 2012 u l-fatt li l-intimati naqsu li jidhru llum sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimati, in solidum bejniethom, jhallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ disa mija tnejn u ghoxrin euro u erbgha u erbghin centezmi ta’ euro [€922.44], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimati fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------